Minuti tas-Seduta numru ħamsa u erbgħin (45) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR), li nżammet nhar id-9 ta' Frar, 2022 fis-6.00pm f'34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Mattew Chetcuti | Viċi Sindku (on-line) |
| | Is-Sur Chris Farruiga | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier (on-line) |
| | Is-Sra Janice Busuttil | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| Fis-6.27 | | |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Fis-6.45 | | |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Fis-7.15 | | |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |

**45.01** **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Sindku, il-kunsillieri u s-SE qalu t-talba flimkien filwaqt li talbiet għall-apoloġiji ma kienx hemm.

Talba Apoloġiji

**45.02** **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru erbgħa u erbgħin (44)**
Il-minuti tas-seduta numru erbgħa u erbgħin kienu meħuda bħala moqrija u dawn kienu approvat u ffirmat wara li kienu ppproponuti mis-Sur Chris Farrugia u sekondati mis-Sra Janice Busuttil.

Minuti

**45.02.01** Dwar ir-re-enactment li se jsir f'Settembru 2022 bit-tema tal-Qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi, kien hemm proposta li jsir qabel qabel ħalli l-istess filmati jkunu murija f'Jum ir-Rabat. Madankollu kien hemm qbil għal proposta tas-Sindku, s-Sur Sandro Craus fejn qal illi aħjar ikun pospost għal Ottubru għaliex b'hekk ikollna l-possibilità li ninvolvu lit-tfal tal-iskola peress li din ma tibdiex qabel Ottubru.

Re-Enactment

**45.02.02** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi bħal issa hemm l-applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar tal-proġett tas-Saqqajja, dak ta' Misraħ San Duminku u anke tal-Baħrija u issa għaddej ġmielu ż-żmien tagħhom. Dwar tal-aħħar hu żied jgħid illi wasalna biex niffinalizzaw il-kuntratt ma' Tum Invest biex inkunu nistgħu nutilizzaw il-ġnien pubbliku perpetwalment ħalli anke jekk jinbidlu z-*zoning areas* dan jibqa' wieħed pubbliku u ma jinbeniex, kif ukoll biex nagħmlu użu mil-ispazju li se jkun krejat taħt l-istess ġnien.

Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippajanar u Ftehim ma' Tum Invest.

**45.02.03** Dwar il-proposta għall-Ġnien Bir Iljun, is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal illi qed isir *pilot polishing* tal-pavimentar għaliex hemm minnu li hu tajjeb u għaldaqstant se nżommu l-istess pjanta. Il-ftehim mad-Dipartiemnt tax-

Ġnien Bir Iljun

Xogħlijiet hu, li huma se jdaħħlu l-applikazzjoni biex jagħmlu l-ispejjeż infrastrutturali filwaqt li aħna se noħorġu l-offerta għall-bandli/gym. Hija l-intenzjoni tal-Kunsill illi dan ikun jappella wkoll għal tfal bi problemi tal-awtiżmu.

**45.03** **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 332 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 51** Ċedola tal-pagamenti

Iċ-ċedoli tal-pagamenti u dik tax-xogħijiet kienu approvati unanimament. Kien hemm osservazzjoni għall-kont ta' Mica Med tal-għarmar tat-toroq u l-mixehla tal-Milied, Ċedola 332, Item 15098 għaliex kien għoli ħafna u għax-xogħlijiet ta' qtugħ tal-ħaxix addizzjonali *b'direct order* f'Ċedola 332, item 15140 għaliex din ma kienetx mil-kuntrattur li għandu t-tender Ċedola 332, item 15128.

**45.03.01** Kienet diskussa l-istima ta' rubber stoppers ta' Eur15,458.00 fuq iċ-ċedola tax-xogħlijiet 51 item 5. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi is-CRPD ilhom jinfurmawna illi fi Triq Santa Rita qed ikun hemm ostakolu fuq il-bankina bil-vetturi pparkjati b'tali mod illi qed jostakolaw il-passaġġ. Madankollu il-KLR ma jafx jekk hux se jsolvi problema u se joħloq oħra għaliex jibdew jaqgħu fihom il-pedestrians. Il-Perit Charles Buhagiar hu kontra li ndejqu t-triq b'bankini aktar wesgħin, u t-tħassib tal-KLR jibqa' jekk hux se jitgerrbu fil-*car stoppers* in-nies speċjalment il-Ħadd, għaliex din it-triq jarma fiha l-monti. Sadanittant se nġibu stima biex naraw kemm tiġi tiswa it-twessieħ tal-bankina. Stoppers vs twessieħ tal-bankina fi Triq Santa Rita

**45.04** Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**45.04.01** Kien hemm mistoqsija dwar x'pożizzjoni se jieħu l-KLR dwar il-proposta fl-applikazzjoni tal-*Boutique Hotel* fl-ex-forn tal-Kajsu fi Triq Indri Borg, PA 8831/21. Hawn intqal illi l-KLR irid ikollu strateġija ta' x'inhu tollerat fil-UCA fir-rigward ta' ftuħ ta' permessi tal-MTA għall-*bars, restaurants, boutique hotels ecc*. Is-Sur Rudolph Grima li daħal f'dal mument għal-laqgħa qal illi din l-istess strateġija trid issir biex ma ngerxux lir-residenti mill-qalba tar-Rabat u jidħol biss l-imprenditorjat fih. Hu ppropona illi wara li nagħmlu l-*homework* tagħna, għandna nippreżentaw l-istess strateġija lill-MTA liema proposta għandha tinkludi l-*pedestrianisation* tal-isqaqien biex ma jidħlux vetturi bla bżonn inkluż tad-deliveries li jsiru għal dawn l-istabbilimenti. Boutique Hotel

**45.04.02** Is-Sur Nazju Cassar staqsa dwar il-propost gandott għall-istorm water run-off fi Triq Rudolph Saliba. Is-SE qal illi din il-ġimgħa ffirma l-permess tiegħu li kien qiegħed għand uffiċjal tal-Gvern biex dan ix-xogħol fil-futur qrib. Storm Water Culvert fi Triq Rudolph Saliba

**45.04.03** Is-Sur Nazju Cassar talab biex jingħata il-konkos fit-triq tal-Imtaħleb fl-inħawi tal-Blata tal-Melħ. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi rridu noqgħodu attenti għaliex ix-xogħol irid ikun approvat mill-ERA filwaqt li s-Sur Chris Farrugia talab il-konkos fl-inħawi ta' Triq Ħad-Dingli fi sqaq magħruf bħala ir-*Rabat Reservoirs*. Konkos fuq art pubblika: Blata tal-Melħ u Rabat Reservoirs

**45.04.04** Is-Sur Ian Vassallo talab li ssir manutenzjoni fi Triq Robert Samut f'Tal-Virtù għaliex qal li hemm qagħda li qed jinġema' ħafna ilma tax-xita fiha. Is-sit jinsab f'kantuniera. Manutenzjoni ta' Triq Robert Samut

**45.04.05** Is-Sur Ian Vassallo fakkar fis-*sleeping policeman* li hemm approvata fi Triq il-Ġarġir, fejn is-Salvatur. Hu qal illi hawn qed jabbużaw għaliex fejn hemm salib it-toroq qed isir id-*drifting* tal-vetturi minħabba li l-wisgħa tat-triq jippermetti dan.

Drifting – mitigazzjoni bi sleeping policeman fi Triq il-Ġarġir

**45.04.06** Is-Sur Ian Vassallo ressaq talba għal zebra crossing quddiem il-ġnien ta' Għar Barka. Hu qal illi hawn it-tfal qed isibuha bi tqila jaqsmu u qed tintalab għal skop ta' sigurtà.

Sleeping policeman quddiem Ġnien Għar Barka

**45.04.07** Is-Sra Janice Busuttil qalet illi hemm bżonn li ssir xi ħaġa fuq ir-*railing* li għamlu Infrastruttura Malta fuq il-Belveder ta' Għeriexem. Hawn is-Sindku qal li qed insegwu kull ilment anke dak taż-żlieq fuq il-bankina miksija bil-pannelli solari. Infatti fuqha se jitwaħħal *non-slip tape.*

Proġett ta' Għeriexem

**45.04.08** Is-Sur Rudolph Grima qal illi hemm bżonn illi spazju ta' parkeġġ ta' kaxxa bajda jinbidel f'kaxxa safra ħalli jitħalla spazju biex ix-xufier tal-karozza jitħalla jniżżel u tidħol il-passiġġier/a tiegħu li hija anzjani u għandha diffikultajiet kbar. Se jagħti d-dettalji tat-triq aktar tard lill-uffiċċju.

Keep Clear

**45.04.09** Is-Sra Doris Coleiro staqsiet jekk iż-żabra li qed issir fuq iż-żebbuġ fi Vjal il-Ħaddiem hix fi żmienha. Dwar dan is-SE se jkun qed jivverifika li dawn is-siġar mhux qed jinħaqru.

Żabra fuq iż-żebbuġ fi Vjal il-Ħaddiem

**45.04.10** Is-Sra Doris Coleiro talet biex tinkines / tinħasel Triq ir-Rgħajja minħabba t-trakkijiet il-kbar li qed jgħaddu mgħobbijin, anke iż-żejjed li qed iġorru l-materjal tal-ex-Verdala Hotel.

Trab fi Triq ir-Rgħajja

**45.04.11** Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se japplika għal assistent uffiċjali permezz tal-iskema tal-*Community Works Scheme SPI/SCI/2/22* peress li b'dik li għalqet f'Jannar 2021 ma setax ikompli bl-intervisti lill-kandidati li pprovdewlna l-*Jobsplus.*

Community Inclusive Scheme

**45.05** **Financial Statements 2021**

Il-financial statements kif preżentati mill-Accountant tal-Kunsill, is-Sra Romina Perici Ferrante, kienu approvati unanimament. Dawn se jkunu ċirkolati lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, lid-Dipartiment Gvern Lokali u lill-Udituri, Grant Thornton, li se jagħmlu l-verifika.

Sena Finanzjarja 2021

**45.06** **Budget 2022 – draft**

L-ewwel draft ma kienx approvat għaliex jonqos li jidħlu provedimenti għal diversi spejjeż fuq proġetti oħra li bi żvista kienu maqbuża.

Budget 2022

**45.07** **Kunsiderazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Pubblika tal-Lokalità**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi din il-laqgħa kienet suċċess minkejja li m'għamilnihiex wiċċ imb'wiċċ mar-residenti. Dawn kellhom il-faċilità li jidħlu jsegwu u kellna konkorrenza tajba bil-kummenti u s-suġġerimenti li huma ħallew fuq il-mezzi soċjali. Il-minuti kienu kkunsidrati u approvati unanimament.

Laqgħa pubblika tal-lokalità

**45.08** **Proposta għal isem ta' Triq Ġnien is-Sultan**

Din it-triq diġa' jisimha hekk u għaldaqstant il-KLR se jkun qed iwaħħal l-isem li tkisser jew inqala' matul iż-żmien.

Triq Ġnien is-Sultan

**45.09** **Skema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali SPI.SCI.1.2022. Finanzjament għal Żvilupp u Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-lokalitajiet**
L-għażla hija fuq Ġnien Bir Iljun ħalli l-KLR isib sosten fil-proġett b'apparat addattat kif kien diskuss fil-laqgħat preċedenti.

Logħob għat-tfal fi Ġnien Bir Iljun

**45.10** **Skema Urban Greening – Għażla tas-Sit u l-Proġett (Ambjent Malta)**
Dwar din l-iskema, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi hemm bżonn li jsir il-ġnien f'Wesgħet Anton Agius u hemm bżonn li napplikaw ukoll b'applikazzjoni separata biex inkomplu dak li bdejna fi Triq Santa Rita billi jsiru *green vertical wall* mal-latrina u pjanti fil-qsari fil-fetħiet tat-turġien. Kien deċiż illi l-KLR jipproċedi b'dawn iż-żewġ applikazzjonijiet.

Urban Greening

**45.11** **Tisħib fil-proġett tal-GAL Majjistral għat-twaqqif ta' canopy biex jistkennu t-tfal tal-Baħrija. (€719.14)**
Il-KLR iddeċieda illi għal ftit fondi, il-Baħrija m'għandiex tiġi mċaħda minn diversi eluf ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja permezz tal-iskema promossa mill-*Majjistral Action Group Foundation*. Il-Kunsill se jinvesti dawn il-flus fit-tfal.

Investiment fit-tfal tal-Baħrija

**45.12** **Espressjoni ta' Interess Stallazzjoni ta' Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits (MFER 51/21) – għazla ta' sit**
Kien deċiż illi l-KLR ma jidħolx għal din l-iskema għaliex bl-istorbju jista' jkun hemm ħafna tgergir mir-residenti.

Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits.

**45.13** **Ir-Rapport Finanzjarju ta' Jannar 2022**
Kien approvat b'vot unanimu ir-rapport finanzjarju għax-xahar ta' Jannar kif provdut mill-Accountant tal-Kunsill, Ms Romina Perici Ferrante.

Rapport għal Jannar 2022

**45.14** **Bring in site taħt l-art f'Għar Barka – għażla tas-sit**
Kien hemm proposta biex il-bring in site se jitpoġġa viċin il-kastell f'Tal-Virtù. Madankollu kien hemm bdil fis-sit għax dan la se jitpoġġa f'Għar Barka u lanqas Tal-Virtù iżda fil-parkeġġ t'Għajn Qajjet. Se ninfurmaw lil perit biex japplika għal DNO mal-Awtorità tal-Ippjanar.

BIS f'tal-Virtù

**45.15** **Proposta għal zona pedonali – passaġġ bejn Triq Ħal Tartarni u in-Nutar F Catania.**
Il-KLR m'għandux oġġezzjoni biex dan l-isqaq dejjaq u qasir isir pedonali u s-sit mhux jibqa' jaġevola il-parkeġġ ta' żewġ vetturi kif fil-fatt qed iservi.

Estiża iz-zona pedonali

**45.16** **Punti Oħra**

**45.16.01** Inġibdet l-attenzjoni illi hemm lampa tat-toroq maqtugħa f'Wied il-Bużbież. Il-kunsillier ta l-isem tas-Sur Peter Paul Abela u n-numru ta' kuntatt 998234987 li mhux qed ikunu riprodotti fil-minuti.

Lampa tat-toroq

**45.16.02** Dwar il-qtugħ ta' elettriku spiss fil-Baħrija, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li segwa dan kollu permezz tal-ilmenti u għandu l-pjaċir iħabbar illi l-Gvern Ċentrali se jinvesti Eur1.7M f'sistena tad-distribuzzjoni tal-elettriku inkluż *sub station* ġdida.

Sub Station fil-Baħrija

**45.16.03** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq l-avvenimenti li se jsiru dan ix-xahar biex ikun kommemorat l-ewwel anniversarju mil-mewt ta' Dun

Avvenimenti biex ikun

Ġwann Azzopardi. Hu qal illi nhar l-20 ta' Frar se ssir quddiesa u wara se jkun hemm il-kxif ta' bust fil-Mużew ta' Wignacourt. Ġurnata qabel, jiġifieri fid-19, se jkun hemm il-*Book Launch* elettronika tal-ktejjeb Rabat Sanctum fl-10.00am fl-istess post.

kommemorat l-ewwel anniversarju mil-mewt ta' Dun Ġwann Azzopardi

**45.16.04** Is-SE informa lill-kunsillieri illi r-Reġjun Tramuntana irregalawlna AED għall-użu tal-komunità. L-aħjar post li din se titwaħħal fih, hu l-Għassa tal-Pulizija li tkun miftuħa dejjem u għaldaqstant se nikkomunikaw magħhom.

AED – fl-Għassa tal-Pulizija

**45.16.05** Dwar ir-*re-print* tal-ktieb tas-Sra Pauline Dingli kien deċiż illi l-KLR joħroġ l-ispejjez tar-re-design filwaqt li dan isir *copy right* tal-Kunsill. Id-diżinjatur ma jistax ikun is-Sur Daniel Cilia għaliex ma jistax jidħol fuq xogħol ta' xi ħaddieħor.

Ktieb ta' Polyn Dingli

**45.16.06** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-bżonn illi fil-Pjazza tal-Parroċċa jkun hemm il-parkeġġi kollha mneħħija u jinħoloq aktar spazju għal tħaddir u z-zona tiġi pedonali. Dwar dan ma kienx hemm oġġezzjoni u se navviċinaw lill-Poliklinika minħabba li hemm parkeġġ tat-tabib u tal-abbulanza.

Proposta biex jitneħħew il-parkeġġi mil-Pjazza tal-Parroċċa

**45.16.07** Is-Sur Nazju Cassar saħaq fuq l-importanza li jsir iż-żbir tas-siġar fil-Ġnien quddiem il-Knisja ta' San Duminku. Hu qal illi s-siġar igguffaw li biex tgħaddi triq tbaxxi rasek.

Żabra Ġnien San Duminku

**45.16.08** Is-Sur Matthew Chetcuti talab lis-SE jintervjenti fil-ħruġ ta' permess ta' makkinarju bin-numru 79/2022. Mill-1 ta' Frar il-permessi kollha tal-Kunsill marru *on-line* u qed jiġu pproċessati anke bil-ħlas bil-cards.

Permess ta' makkinarju

**45.17** **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar is-16 ta' Marzu fl-istess ħin u din spiċċat fid-9.00pm.

Aġġornament

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 16 ta' Marzu 2022 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku